Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 2**

**Data:** It-Tlieta, 15 ta' Frar 2022
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Preżenti fil-Binja Amministrattiva**:
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Membru
Dr. Samuel Azzopard – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Attenda online:**

Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**2.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.1**

2.1.1 Il-President semma li s-Sur Jesmond Aquilina kien qed isegwi l-Laqgħa online minħabba li kien jinstab fi kwarantina mandatorija.

2.2.2 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

2.2.4 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev Paul Farrugia u Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**2.2 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 53**

| | |
|---|---|
| **2.2.1 Green Wall u Green Roof** | Il-President semma li xogħol kien mixi sew u suppost sa l-aħħar ta' Marzu 2022 kellu jitlesta l-proġett. |
| **2.2.2 Tender Organic Waste Collection f' żoni turistiċi matul tmiem il-ġimgħa minn stabbilimenti tal-ikel.** | Il-President semma l-kuntratturi kienu fil-proċess li jġibu l-garanzija bankarja u jiġi ffirmat l-kuntratt. |
| **2.2.3 Reverse Vending Machines** | Il-President semma semma li kien sar xi tibdil minn kif kienu oripinarjament ser joperaw. Semma li qed ikun rikjest mill-kuppanija li ssir magna f' kull lokalita'. Għaldaqstant huwa semma li peress li dan kollu jmur lilhinn mil-pjan t' operat inizjali, ser ikun qed jiltaqa' mal-operaturi sabiex jiddiskuti aktar fid-dettal. |
| **2.2.4 Tender AEDs** | Il-President semma li kiener saret l-evalwazzjoni u daħħlu żewġ appelli. Semma li qed jistennew data mingħand il-PCRB. |
| **2.2.5 Rapport Finanzjarju għas-sena 2021** | Il-President semma li r-Rapport li ġie approvat intbgħat lid-Diviżjoni, lill-Uffiċju tal-Awditur Ġenerali u anki lill-Awdituri. Semma li kien hemm konferma mill-Grant Thorton li ser jibdew il-field work tal-awditjar nhar 28 ta' Frar 2022. |
| **2.2.6 Special Olympics** | Il-President semma li kien għadu qed jistenna biex issir laqgħa sabiex ikun diskuss il-programm fid-dettal u l-involviment tal-Kunsilli Lokali. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**2.2.7 Teambuilding – Membri Eżekuttiv**

Il-President propona li jekk l-Elezzjoni Ġenerali ma tkunx fis-26 ta' Marzu 2022, it-teambuilding isir nhar il-5 ta' Marzu 2022.

**2.2.8 Laqgħa mal-ERA**

Il-President semma li kemm l-ERA kif ukoll l-LESA ser ikunu qed jagħtu informazzjoni ta' kontravenzzjonijiet maħruġa minnhom relatati ma' ksur ta' regolamenti f' żont ta' Bring-in Sites. Semma li ser ikomplu l-laqgħat. Filwaqt li semma wkoll li għadd fadal 10 lokalitajiet li għad m' għandhomx bring -in-sites u għaddejja komunikazzjoni magħhom ukoll.

**2.2.9 Ambjent Malta**

Il-President semma li l-AKL għaddejja f' komunikazzjoni ma' Ambjent Malta sabiex nesploraw il-possibbilita' li l-proġett tal-parking area ikun iffinanzjat minn Ambjent Malta.

**2.2.10 INDIS**

Il-President semma li kien għaddej il-proċess ma' INDIS Malta sabiex l-AKL tagħddi kopja tal-fatturi fuq spejjeż li saru ġewwa l-Binja għall-Gvern Lokali tul dawn l-aħħar snin sabiex jipproċessaw l-applikazzjoni tal-AKL sabiex il-kera tinqaleb f' ċens.

**2.2.11 Interactive Screen**

Il-President semma li l-Interactive Screen għas-sala tal-AKL kien ġie ordnat u kellu jiġi installat sa' l-aħħar ta' Frar.

**2.2.12 Allokazzjoni – Kunsilli Reġjonali**

Il-President semma li anki wara komunikazzjoni mad-Diviżjoni, kull Reġjun għandu jagħmel business plan għall-ħames snin. Dan sabiex wieħed ikun jaf l-allokazzjoni ta' fondi li għandu bżonn ir-Reġjun biex jopera.

Is-Sur Jesmond Aquilina semma li dan m' għandux x' jaqsam. Semma li r-Reġjun Nofsinhar business plan għamlu u preżentah imma jaf li bl-ispejjeż finanzjarji li hemm u minkejja li hemm business plan dawn il-problemi xorta ser jibqgħu hemm. Semma li hemm żewġ problemi primarji; it-tnaqqis tal-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali minħabba t-twaqqif tas-Sitt Reġjun kif ukoll minħabba li għad m'hemmx konferma min-naħa tad-Diviżjoni li ser ikun hemm fondi addizzjoni allokati għas-salarji tal-Uffiċjali Reġjonali għall-kumplament tal-kuntratt. Is-Sur Aquilina semma li n-numru tar-Reġjuni

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

m' għandu xejn x' jaqsam ma kif tnaqset l-allokazzjoni għax minkejja li naqsu l-Kunsilli Lokali minn kull Reġjun, kull Reġjun xorta kellu jagħmel l-istess struttura amministrattiva.

Il-President semma li huwa qed jifhem dak li qed jgħid is-Sur Aquilina imma fakkar li hu kien gibed l-attenzjoni lir-Regjuni qabel is-sajf tal-2021 biex jassiguraw dak inhar li se jkollhom finanzjament ghat-tul tal-kuntratti. Minnkejja dan, huwa qal li se jkomopli jaghmel follow up ta' dan mad-Divizjoni.

**2.2.13 MOU Foundation for Social Wellbeing**

Il-President semma li qed jiġi propost biex isir MoU biex jitħaddem il-Kunsill Reġjonali ta' tfal. Il-President semma li ser ikun qed jiċċirkola kopja ta' dan il-ftehim u spjega li hemm xi klawżoli li mhux qed jaqbel magħhom.

**2.2.14 Ħaddiema Air Malta**

Il-President semma li għaddejjin id-diskussjonijiet rigward il-ħaddiema tal-Air Malta kif ukoll RSSL u sar qbil li jsir meeting bejnu, ic-chair tal-RSSL u CEO. Il-Meeting huwa ffissat ghl nofs Marzu.

**2.2.15 Waste Management**

Il-President semma li flimkien mal-Ministeru tal-Ambjent ser ikunu qed jikkomunikaw mal-MTA sabiex anki waqt li jkun qed jiġi implimentat il-proġett tal-iskart organiku ikun hemm ħidma konġunta bl-stakeholders ewlenin kollha jikkontribwixxu. Il-President semma wkoll li s-Sur Charles Sharples mill-ERA ser ikun qed jikkordina mal-Kunsilli Lokali sabiex ikun hemm infurzar mill-ERA. Is-Sur Chircop staqsa jekk dan l-arranġament jafux bih il-Kunsilli Lokali. Il-President informa li l-AKL ser tkun qed tibgħat ċirkulari f' dan ir-rigward.

Il-President semma li l-Laqgħa ta' Konsultazzjoni fuq ġbir ta' skart reġjonali mas-Sindki. Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi flimkien mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-Ministeru tal-Ambjent kienet saret ftit jiem ijlu.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **2.2.16 Uffiċjali Reġjonali** | Il-President semma li screening min-naħa tad-Diviżjoni kien għadu għaddej u kienet ser tintbgħat lista mid-Diviżjoni għall-persuni li jistgħu jissejjħu għall-intervista mir-Reġjun. |
| **2.2.17 Ittri mill-AKL** | Il-President semma li l-ittra ta' awgurju lill-President tal-Parlament Ewropew Dr. Metsola kienet intbgħatet kif ukoll ġew innotifikati l-għaqdiet tan-nisa li fihom qiegħda msieħba l-AKL, li s-Sa. Helen Gauci, Sindku tal-Għargħur ser tkun qed tirrapprezenta lill-AKL f' dawn il-forums. |

**2.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 2**

2.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Anthony Chircop u ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-19 ta' Jannar 2022 u 15 ta' Frar 2022 li kienet tammonta għall-€36,061.35.

**2.4 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **2.4.1 Konferenza Nazzjonali ġewwa Florance** | Il-President semma li l-AKL irċiviet korrispondndenza għall-Laqgħa ġewwa Florence. Semma li l-istess stedina kienu rċievewha l-Kunsilli Lokali kollha. Il-President informa li huwa ma kienx jista' jattendi. |
| **2.4.2 Walkability Research mill-Universita' ta' Malta** | Il-President semma l-AKL għandha stedina sabiex tipparteċipa f' workshops organizzati mill-Universita' ta' Malta – Walkability Research. |
| **2.4.3 Laqgħa Plenarja AKL** | Il-President semma li wara li kien hemm qbil unanimu li l-Laqgħa plenarja ta' Marzu tiġi posposta għal data oħra, il-President talab li għadna nistennew id-data tal-Elezzjoni titħabbar ħalli nippjanaw data għal wara. |
| **2.4.4 Dokument rigward il-Parkeġġ** | Il-President semma li l-AKL kienet iċċirkulat id-dokument li qed tħejji rigward il-parkeġġ mal-Membri Eletti kollha. Il-President semma li mill-Eżekuttiv kien irċieva l-kummenti tas-Sur Azzopardi kif ukoll tas-Sur Sultana.<br>Il-President semma li fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tiġi mnedija il-webiste ilkunsilli.com fejn l-iskop ta' din il-website ser ikun li wieħed jidħol fid-dettal tad-dokumenti |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

mħejjija.

**2.4.5 Ir-Rotta tal-Feniċi**

Il-President semma li l-AKL flimkien mar-Reġjuni huma membri fi proġett ta' Inizjamed li jippromovi r-Rotta tal-Feniċi. Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv kien attenda għal seminar li kien sarf u l-AKL inagħtat ukoll certifkat ta' sħubija f' dan il-proġett.

**2.4.6 Entente Florale**

Il-President li jidher li l-Assoċjazzjoni ser ikollha twaqqa' l-applikazzjoni ta' sħubija f' dan il-proġett minħabba li l-ispejjeż relatati ma' ħospitalita' tal-Membri ta' Aġġudikazzjoni fuq dan il-proġett huma kbar. Il-President semma li wara li propona li dawn l-ispejjeż jinqasmu bejn l-AKL, ir-Reġjun u l-Kunsill Lokali rispettiv, jidher li l-Kunsilli qed jaraw l-ispiża baqgħet sostanzjali. Għaldaqstant il-President innotifika lill-Eżekuttiv li l-AKL ma jinitx ser tipparteċipa.

**2.4.7 Norway Grants - LGD**

Il-President għamel referenza għall-komunikazzjoni mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għall-stedina lill-Kunsilli Lokali li ibbenifikaw mill-Fondi Norveġiżi għall-proġetti zgħar f' lokalitajiet urbani sabiex imorru għal ġimgħa taħriġ ġewwa Norway. Il-President semma li fl-ewwel ġimgħa t' April, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Norveġiża ser tkun Malta sabiex jiġi offrut taħriġ lill-Membri Eletti kollha.
Il-President semma li għaż-żjara f' Norway ser ikun hemm kriterji għal dawk li japplikaw sabiex jintgħażlu l-parteċipanti. Semma li 60% tal-parteċipanti magħżula ser ikunu Membri Eletti u 40% Segretarji Eżekuttivi. Ir-raġuni hija li t-taħriġ ser ikun speċifikament gaħll-Membri Eletti. Il-President semma wkoll li ser tkun qed tittieħed f' kunsiderazzjoni l-attendenza tal-applikanti f' diversi taħriġ u webinars organizzati mill-AKL u d-Diviżjoni. Is-Sur Bonello semma li wieħed irid jibda jqis wkoll is-sehem tal-Kunsillier fil-ħidma tal-lokal.

**2.4.8 Sustainable Community Solutions**

Il-President għamel referenza għal dokument li kien għadda kopja tiegħu lill-Membri tal-Eżekuttiv. Il-President talab lill-Presidenti Reġjonali sabiex jiddiskutu dan il-proġett fuq bażi Reġjonali.

**2.4.9 Laqgħa mad-Diviżjoni**

Il-President semma li kif kien informa diversi drabi u wara

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **rigward l-iskemi** | sensiela ta' korrispondenza mad-Direttur Ġenerali u anki s-Segretarju Permanenti MHAL rigward is-suġġett, informa li issa kienet skedata laqgħa għal lejn l-aħħar tax-xhar ta' Frar. |
| **2.4.10 Senior Executive Assistant AKL** | Il-President semma li kienu għalqu l-applikazzjonijiet u li kien hemm sitt applikanti li kienu eliġibbli. Talab lis-Segretarja sabiex tikkomunika mal-Membri tal-Board tal-Intervisti sabiex tinstab data. |
| **2.4.11 Taħriġ – Green Public Procurment** | Il-President semma li l-AKL qed tikkomunika mal-IPS sabiex jiġi organizzat taħriġ għall-Membri Eletti u Segretarji Eżekuttivi fuq il-Green Public Procurment. |
| **2.4.12 Jobsplus** | Il-President semma l-AKL qed tikkollabora mal-Jobsplus. Dan wara li l-Jobsplus talbet li tinġabar informazzjoni fuq Kunsilli Lokali li għandhom komputers li huma aċċessibbli għall-Pubbliku u li wieħed fuqhom jista' jfittex xgħolijiet u anki japplika għall-servizzi governattivi. Il-President semma li fil-jiem li ġejjin ser ikun hemm laqgħa sabiex wieħed jara kif din il-kollaborazzjoni tista' tissaħħaħ. |
| **2.4.13 Bdil ta' aperturi tal-Aluminium** | Il-President semma li hemm xi twieqi fil-binja li ma jinfetħux jew anki imkisrin. Semma li qed jinġabru kwotazzjonijiet biex dawn jinbiddlu. Semma li ser jinġabru wkoll kwotazzjonijiet għall-bibien tal-gallariji. |
| **2.4.14 Ftehim Kollettiv Segretarji Eżekuttivi** | Il-President semma li ftehim kien ser ikun iffirmat fi ftit jiem. Semma wkoll li ijlu sena u nofs jiġri wara l-UHM biex ikun iffirmat ukoll il-Ftehim tal-Ħaddiema Klerikali li dan fil-qafas kollu tiegħu kien hemm qbil bejn il-Union u anki Il-Management.<br>Semma wkoll li għandu jkun hemm titjieb fl-Entry Requirements f' kull livell amministrattiv.<br>Chev. Paul Farrugia semma li hemm problema li qed jaffaċjaw ħaddiema fi skala 16 li dawn bl-ebda mod ma jistgħu jipprogressaw għal skala oħra. |

2.4.15 Is-Sur Charles Bonello talab li jkun skużat mil-laqgħa għall-ħaba ta' 18:50.

## 2.5 Affarjiet oħra

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

2.5.1 Is-Sur Stephen Sultana semma li l-Kunsilli għadhom fejn kienu rigward installazzjoni ta' Bus Shelters. Il-President spjega li l-kawża ma' Transport Malta għada għaddejja u minn 200 applikazzjoni li ġew sottomessi fis-sena 2020, TM tat biss approvazzjoni għal dsatax. Semma li fil-jiem li ġejjin kien ser ikollu laqgħa ma' CEO ta' TM.

2.5.2 Is-Sur Stephen Sultana semma wkoll li hemm kwistjonijiet fejn l-Awtorita' tal-Artijiet qed titlob li jsiru ħlasijiet għal Tower Cranes. L-Awtorita' qed titlob lill-iżviluppatur sabiex iħallas u l-iżviluppaturi qed isostnu li huma ġa qed iħalsu lill-Kunsilli Lokali.

2.5.3 Chev. Paul Farrugia talab sabiex Dr. Azzaopardi jgħaddijlu xi informazzjoni fuq kif ser ikun iffinanzjat il-Bid Book għall-Belt Kulturali 2031.

2.5.4 Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov talab ukoll li jkun daqsxejn aktar infurmat fuq il-kuntratt ta' streetlightning. Dan peress li l-kuntratt eżistenti li kellu r-Reġjun Tramuntana kien skada.

**2.6 Aġġornament**

2.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 22 ta' Marzu 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.3 li nżammet nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**